MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 711/2007

**Mobisle Communications Limited**
**(C 24655)**

**Vs**

**Gauci Anton**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici titlob il-hlas tas-somma ta' tmien mija u sittin euro u hamsa u erbghin centezmi (€860.45c) – (LM369.39) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut skond Client Contract Number 1008323 rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjetà attrici u dana fix-xhur ta' bejn Jannar 2007 u April 2007.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tmien mija u sittin euro u hamsa u erbghin centezmi (€860.45c) – (LM369.39), bl-imghax dekoribbli mit-2 ta' Mejju 2007 (id-data ta' l-ittra ufficjali) sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Mejju 2007 u tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-Talba, huma a karigu tal-konvenut.

Av. Dr. Gabriella Vella
Gudikatur

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------